

I

(Atti leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT (UE) Nru 70/2012 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tat-18 ta' Jannar 2012

dwar prospetti tal-istatistika rigward it-trasport ta' merkanzija bit-triq

(riformulazzjoni)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 338(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ⁽¹⁾,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1172/98 tal-25 ta' Mejju 1998 dwar prospetti tal-istatistika rigward it-trasport ta' merkanzija bit-triq ⁽²⁾ ġie emendat kemm-il darba b'mod sostanzjali. Peress li għandhom isiru iktar emendi, dak ir-Regolament għandu jiġi riformulat fl-interessi taċ-ċarezza.

(2) Sabiex twestaq ix-xogħlijiet mogħtija lilha fil-kuntest tal-politika komuni tat-trasport, il-Kummissjoni għandu jkollha għad-dispożizzjoni tagħha *data* tal-istatistika komparabbli, ta' min jorbot fuqha, sinkronizzata, regolari u komprensiva dwar l-iskala u l-iżvilupp tat-trasport tal-merkanzija bit-triq permezz ta' vetturi rreġistrati fl-Unjoni, u dwar il-grad ta' utilizzazzjoni tal-vetturi li jwettqu dan it-trasport.

(3) Huwa neċessarju li jinġabru statistiki reġjonali komprensivi kemm rigward it-trasport tal-merkanzija kif ukoll rigward il-vjaġġi tal-vetturi.

⁽¹⁾ Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2011 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2011.

⁽²⁾ ĠU L 163, 6.6.1998, p. 1.

(4) Hu għalhekk xieraq li jiġi żgurat li l-oriġini u d-destinazzjoni reġjonali tat-trasport fl-Unjoni tkun deskritta fuq l-istess bażi tat-trasport nazzjonali, u li tiġi pprovduta rabta bejn it-trasport tal-merkanzija u l-vjaġġi tal-vetturi billi jitkejjel il-grad tal-utilizzazzjoni tal-vetturi li jwettqu dan it-trasport.

(5) Skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà, il-ħolqien ta' standards tal-istatistika komuni li jippermettu l-produzzjoni ta' informazzjoni armonizzata jista' biss jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, filwaqt li *d-data* tinġabar f'kull Stat Membru taħt l-awtorità tal-entitajiet u l-istituzzjonijiet inkarigati mill-ġbir tal-istatistiki uffiċjali.

(6) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-istatistika Ewropea ⁽³⁾ jipprovdni qafas ta' referenza għad-dispożizzjonijiet stabbiliti minn dan ir-Regolament, b'mod partikolari dawk relatati mal-aċċess għas-sorsi tad-*data* amministrattivi, l-effettività tal-infiq tar-riżorsi disponibbli u l-kunfidenzjalità tal-istatistika.

(7) Il-komunikazzjoni tad-*data* individwali, ladarba ssir anonima, tkun neċessarja sabiex tiġi stmata l-preċiżjoni globali tar-riżultati.

(8) Huwa importanti li jkun żgurat li l-informazzjoni tal-istatistika tinxtered b'mod adegwat.

(9) Fid-dawl tas-sitwazzjoni ġeografika speċifika ta' Malta, il-vjaġġi tat-trasport bit-triq tagħha ta' distanza qasira, in-network tat-toroq limitat tagħha u l-piż sproporzjonat li l-ġbir ta' tali *data* jikkawża għall-awtoritajiet Maltin, Malta għandha tingħata deroga.

(10) Sabiex jitqiesu l-iżviluppi ekonomiċi u tekniċi, għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni is-setgħa li jiġu adottati atti

⁽³⁾ ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164.

delegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonnement tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-aġġornament tal-Parti 1 tal-Anness I, ħliet għal kwalunkwe modifiki għan-natura fakultattiva tal-informazzjoni mitluba, u tal-adattament tal-Annessi II sa VII. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti. Il-Kummissjoni, meta tkun qed tħejji u tfassal atti delegati, għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, fil-ħin u xierqa, tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

- (11) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandhom jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Dawk is-setgħat għandhom ikunu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni ⁽¹⁾,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Kull Stat Membru għandu jiġbor statistiki għall-Unjoni dwar it-trasport ta' merkanzija bit-triq permezz ta' vetturi tat-triq għat-trasport tal-merkanzija li jkunu rreġistrati f'dak l-Istat Membru, u dwar il-vjaġġi li jsiru minn vetturi bħal dawn.

2. Dan ir-Regolament m'għandux japplika għat-trasport tal-merkanzija bit-triq permezz ta':

- (a) vetturi tat-triq għat-trasport tal-merkanzija li l-piż awtorizzat jew id-dimensjonijiet tagħhom jeċċedu l-limiti normalment permessi fl-Istati Membri kkonċernati;
- (b) vetturi agrikoli, vetturi militari u vetturi li jkunu tal-amministrazzjonijiet ċentrali jew pubbliċi lokali, bl-eċċezzjoni ta' vetturi tat-triq għat-trasport tal-merkanzija li jkunu ta' impriżi pubbliċi, u b'mod partikolari ta' impriżi ferrovjarji.

Kull Stat Membru jista' jeskludi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament il-vetturi tat-triq għat-trasport tal-merkanzija li l-kapaċità tat-tagħbija tagħhom jew il-piż massimu permissibbli tagħhom jkun anqas minn ċertu limitu. Dan il-limitu ma jistax jaqbeż kapaċità tat-tagħbija ta' 3,5 tunnellata metrika jew piż massimu permissibbli ta' 6 tunnellati metriċi fil-każ ta' vetturi b'mutur wieħed.

3. Dan ir-Regolament m'għandux japplika għal Malta, sakemm in-numru ta' vetturi għat-trasport tal-merkanzija bit-triq rreġistrati Malta li jkunu liċenzjati li jittrasportaw il-merkanzija internazzjonalment bit-triq ma jaqbiżx l-400 vettura. Għal dak il-għan, Malta ta' kull sena għandha tippreżenta lill-Eurostat in-numru ta' vetturi għat-trasport tal-merkanzija bit-triq liċenzjati li jittrasportaw il-merkanzija internazzjonalment bit-triq sa mhux iktar tard mill-aħħar ta' Marzu wara s-sena li għaliha jirrelata n-numru ta' vetturi għat-trasport tal-merkanzija bit-triq.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) "trasport tal-merkanzija bit-triq": it-trasport kollu tal-merkanzija permezz ta' vettura tat-triq għat-trasport tal-merkanzija;
 - (b) "il-vettura tat-trasport bit-triq": vettura tat-triq li tkun mgħammra b'mutur li jkun il-mezz waħdieni għall-propulsjoni tagħha, li hi normalment użata għat-trasport ta' persuni jew ta' merkanzija bit-triq, jew għall-ġbid, fit-triq, ta' vetturi użati għat-trasport ta' persuni jew merkanzija;
 - (c) "vettura tat-triq għat-trasport tal-merkanzija": vettura tat-triq iddisinjata esklużivament jew primarjament għat-trasport tal-merkanzija (trakk, karru, nofs karru);
 - (d) "vettura għat-trasport tal-merkanzija bit-triq": kwalunkwe vettura singola tat-triq għat-trasport, jew kombinazzjoni ta' vetturi tat-triq, jiġifieri ferrovija tat-triq jew vettura artikulata iddisinjata għat-trasport tal-merkanzija;
 - (e) "trakk": vettura tat-triq riġida ddisinjata esklużivament jew primarjament għal trasport ta' merkanzija;
 - (f) "żiemel": vettura tat-triq għat-trasport iddisinjata esklużivament jew primarjament biex tiġbed vetturi oħra tat-triq li ma jkunux misjuqa minn mutur (prinċipalment nofs karrijiet);
 - (g) "karru": vettura tat-triq għat-trasport tal-merkanzija ddisinjata biex tiġbed minn vettura tat-trasport bit-triq;
 - (h) "nofs karru": vettura tat-triq għat-trasport tal-merkanzija mingħajr fus fuq quddiem iddisinjata b'dan il-mod biex parti mill-vettura u parti sostanzjali tal-piż mgħobbi tagħha tistrieħ fuq iż-żiemel;
 - (i) "vettura artikulata": żiemel imqabba ma' nofs karru;
 - (j) "tren tat-triq": vettura tat-triq għat-trasport tal-merkanzija imqabba ma' karru jew vettura artikulata b'karru ieħor imqabba magħha;
 - (k) "irreġistrat": l-istat ta' meta vettura titniżżel f'reġistru ta' vetturi tat-triq għat-trasport, miżmum minn entità uffiċjali fi Stat Membru, sew jekk ir-reġistrazzjoni tkun akkumpanjata mill-ħruġ tal-panċa tar-reġistrazzjoni sew jekk le.
- Fil-każ ta' trasport permezz ta' kombinazzjoni ta' vetturi tat-triq għat-trasport, jiġifieri tren tat-triq jew vettura artikulata, fejn il-vettura tat-triq għat-trasport tal-merkanzija u l-karru jew nofs karru jkunu rreġistrati f'pajjiżi differenti, il-vettura sħiħa għandha titqies bħala li tkun irreġistrata fil-pajjiż fejn il-vettura tat-triq għat-trasport tal-merkanzija tkun irreġistrata;
- (l) "il-kapaċità għat-tagħbija": il-piż massimu tal-merkanzija ddikjarat permissibbli mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż tar-reġistrazzjoni tal-vettura.

⁽¹⁾ ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

Meta l-vettura għat-trasport tal-merkanzija bit-triq tkun tren tat-triq magħmula minn trakk bil-karru, il-kapaċità tat-tagħbija tat-tren tat-triq tkun it-total tal-kapaċità tat-tagħbija tat-trakk u tal-karru;

- (m) "il-piż massimu permissibbli": il-piż totali tal-vettura (jew il-kombinazzjoni tal-vetturi) meta din tkun wieqfa u lesta għat-triq u l-piż tat-tagħbija iddikjarat permissibbli mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż tar-reġistrazzjoni tal-vettura;
- (n) "Eurostat": id-dipartiment tal-Kummissjoni responsabbli għat-twettiq tax-xogħlijiet li jaqgħu fuq il-Kummissjoni fis-settur tal-produzzjoni tal-istatistiki tal-Unjoni.

Artikolu 3

Ġbir tad-data

1. L-Istati Membri għandhom jiġbru *data* tal-istatistika li jkollha x'taqsam mas-setturi li ġejjin:

- (a) il-vetturi;
- (b) il-vjaġġ;
- (c) il-merkanzija.

2. Il-varjabbli fl-istatistiki ta' kull żona, id-definizzjoni tagħhom u l-livelli fil-klassifikazzjoni użata għall-analiżi statistika jidhru fl-Annessi I sa VII.

3. Meta jkun qed jiġi deċiż il-metodu li għandu jiġi użat għall-ġbir tad-*data* tal-istatistika, l-Istati Membri għandhom jieqfu milli jwettqu kwalunkwe formalità fuq il-fruntieri ta' bejn l-Istati Membri.

4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta, meta jkun hemm b'żonn, atti delegati skont l-Artikolu 8 dwar l-aġġornar tal-Parti I tal-Anness I, unikament biex jitqiesu l-iżviluppi ekonomiċi u tekniċi, ħlief għal kwalunkwe modifika għannatura fakultattiva tal-informazzjoni meħtieġa.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa wkoll li tadotta, meta jkun hemm b'żonn, atti delegati skont l-Artikolu 8 dwar l-adattazzjoni tal-Anness II sa VII biex jitqiesu l-iżviluppi ekonomiċi u tekniċi.

Meta tkun qed teżerċita s-setgħa tagħha skont dan il-paragrafu, il-Kummissjoni għandha tiżgura li kwalunkwe att delegat adottat ma jimponix piżijiet amministrattivi addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri u fuq dawh li jwieġbu.

Artikolu 4

Preċiżjoni tar-riżultati tal-istatistika

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-metodi tagħhom għall-ġbir u l-ipproċessar tad-*data* tal-istatistika huma mfaġġa biex jiżguraw li r-riżultati tal-istatistika trażmessi skont dan ir-Regolament ikunu preċiżi biżżejjed sabiex il-Kummissjoni tkun tista' jkollha għad-dispożizzjoni tagħha *data* tal-istatistika kumparabbli, affidabbli, sinkronizzata, regolari u komprensiva, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi strutturali tat-trasport bit-triq fl-Istati Membri.

Għall-finijiet tal-ewwel paragrafu, il-Kummissjoni għandha, permezz tal-atti ta' implimentazzjoni, tadotta regoli tekniċi dettaljati dwar il-preċiżjoni tad-*data* tal-istatistika meħtieġa. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati b'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 9(2).

Artikolu 5

Trażmissjoni tar-riżultati tal-istatistika lill-Eurostat

1. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu lill-Eurostat kull tliet xhur id-*data* individwali verifikata kif suppost li tikkorrispondi mal-varjabbli msemmija fl-Artikolu 3 u elenkati fl-Anness I, mingħajr l-indikazzjoni tal-isem, l-indirizz jew in-numru tar-reġistrazzjoni.

Trażmissjoni bħal din għandha, fejn ikun xieraq, tinkludi d-*data* statistika li jkollha x'taqsam ma' termini trimensili preċedenti li għalihom id-*data* trażmessa kienet proviżorja.

2. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta l-arranġamenti għat-trażmissjoni tad-*data* msemmija fil-paragrafu 1, inklużi, fejn xieraq, l-iskedi tal-istatistika bbażati fuq dik id-*data*. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 9(2).

3. It-trażmissjoni tad-*data* kif msemmija fil-paragrafu 1 għandha sseħħ fi żmien ħames xhur mit-tmiem ta' kull perjodu trimensili ta' osservazzjoni.

L-ewwel trażmissjoni għandha tkopri l-ewwel tliet xhur tal-1999.

Artikolu 6

Disseminazzjoni tar-riżultati tal-istatistika

Ir-riżultati tal-istatistika fir-rigward tat-trasport ta' merkanzija bit-triq għandhom jiġu disseminati mhux iktar tard minn 12-il xahar wara li jispiċċa l-perjodu li jirrelataw għalihom ir-riżultati.

Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta regoli dwar id-disseminazzjoni tar-riżultati tal-istatistika dwar it-trasport ta' merkanzija bit-triq, inklużi l-istruttura u l-kontenut tar-riżultati li għandhom jiġu disseminati. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 9(2).

Artikolu 7

Rapporti

1. L-Istati Membri għandhom jgħaddu lill-Eurostat, fid-*data* jew qabel id-*data* li fiha l-informazzjoni tal-ewwel tliet xhur tiġi mgħoddija, rapport dwar il-metodi użati għall-ġbir tad-*data* statistika.

L-Istati Membri għandhom ukoll jgħaddu lill-Eurostat id-dettalji ta' kwalunkwe tibdil sostanzjali fil-metodi użati għall-ġbir tad-*data* statistika.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Eurostat bl-informazzjoni ta' kull sena dwar id-daqs tal-kampjuni, ir-rati ta' dawh li ma wegħbu u, fil-forma ta' żball normali jew intervalli tal-kunfidenza, kemm ikunu ta' min jorbot fuqhom ir-riżultati tal-istatistika ewleni.

3. Sal-31 ta' Diċembru 2014 u kull tliet snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dak ir-rapport għandu jevalwa b'mod partikolari l-kwalità tad-*data* statistika trażmessa, il-metodi għall-ġbir tad-*data* kif ukoll il-pizzijiet amministrattivi fuq l-Istati Membri u fuq min iwieġeb. Ir-rapport, jekk dan ikun xieraq, għandu jkun akkumpanjat minn proposti biex tiġi modifikata l-lista tal-varjabbli, u jittieħed kont tas-sejbiet ta' proġetti relatati, b'mod partikolari dawk dwar l-emissjonijiet tat-tniġġis tal-arja ikkawżati mit-trasport tal-merkanizja bit-triq.

Artikolu 8

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti delegati tingħata lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti delegati msemija fl-Artikolu 3(4) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin mit-23 ta' Frar 2012. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport dwar is-setgħat delegati sa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delegazzjoni tas-setgħa għandha tiġi taċitament estiża għal perjodi ta' tul identiku, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jopponu tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel tmiem kull perjodu.

3. Id-delega tas-setgħa msemija fl-Artikolu 3(4), tista' tkun revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttejjem id-delega tas-setgħat speċifikati f'dik id-deċiżjoni. Din tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data sussegwenti li tkun speċifikata fiha. Din ma taffettwax il-validità tal-atti delegati li huma diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika fl-istess ħin lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Kull att delegat adottat skont l-Artikolu 3(4) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jkunux esprimew oġġezzjoni fi żmien xahrejn min-notifika tal-imsemmi att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jagħlaq dan iż-żmien, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill informaw it-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 9

Proċedura fil-kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 223/2009. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 10

Tħassir

Ir-Regolament (KE) Nru 1172/98 huwa mħassar.

Referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jinftiehemu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness IX.

Artikolu 11

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, it-18 ta' Jannar 2012.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

M. SCHULZ

Għall-Kunsill

Il-President

N. WAMMEN

ANNESI

- Anness I IL-LISTA TAL-VARJABBLI U APPENDIĊI METODOLOĠIKA
- Anness II IL-KLASSIFIKAZZJONI TAL-KONFIGURAZZJONIJIET TAL-FUS
- Anness III IL-KLASSIFIKAZZJONI TAT-TIPI TA' VJAĠĠI
- Anness IV IL-KLASSIFIKAZZJONI TAL-MERKANZIJA
- Anness V IL-KLASSIFIKAZZJONI TA' KATEGORIJI TA' MERKANZIJA PERIKOLUŻA
- Anness VI IL-KLASSIFIKAZZJONI TAT-TIPI TAL-MERKANZIJA
- Anness VII IL-KODIFIKA TAL-POSTIJIET FEJN ISSIR IT-TAGĦBIJA U L-ĦATT TAL-PAJJIŻI U R-REĠJUNI
- Anness VIII REGOLAMENT IMĦASSAR FLIMKIEN MA' LISTA TAL-EMENDI SUĊĊESSIVI TIEGĦU
- Anness IX TABELLA TA' KORRELAZZJONI
-

ANNEX I

Parti 1

LISTA TA' VARJABBLI

- A1. il-varjabbli li għandhom x'jaqsmu mal-vettura;
- A2. il-varjabbli li għandhom x'jaqsmu mal-vjaġġ;
- A3. il-varjabbli li għandhom x'jaqsmu mal-merkanzija (fl-operazzjoni bażika tat-trasport).

A1. IL-VARJABBLI RELATATI MAL-VETTURA

Skont id-definizzjoni mogħtija fl-Artikolu 2, punt (d), vettura għat-trasport tal-merkanzija bit-triq għandha tkun kwalunkwe vettura singola għat-trasport bit-triq, jew kombinazzjoni ta' vetturi tat-triq, jiġifieri tren tat-triq jew vettura artikolata iddisinjati għat-trasport tal-merkanzija.

Il-varjabbli li għandhom x'jaqsmu mal-vettura li għandhom jingħataw huma dawn li ġejjin:

1. il-possibbiltà tal-użu tal-vetturi għat-trasport ikkombinat (mhux obligatorju);
2. il-konfigurazzjoni tal-fus skont l-Anness II (mhux obligatorju);
3. kemm għandha żmien fi snin (mill-ewwel reġistrazzjoni tagħha) il-vettura għat-trasport bit-triq (it-trakk jew iż-żiemel);
4. il-piż massimu permissibbli, f'100 kg;
5. il-kapaċità għat-tagħbija, f'100 kg;
6. l-operatur tal-vettura NACE Rev. 2 fil-livell tal-klassi (livell b'erba' diġitali) (mhux obligatorju ⁽¹⁾);
7. it-tip ta' trasport (b'kiri jew b'kumpens/għal rasu);
8. it-total ta' kilometri misjuqa matul il-perjodu tas-sondaġġ;
 - 8.1. imġhobbi;
 - 8.2. vojti (inklużi l-vjaġġi taż-żiemel mingħajr nofs karru) (mhux obligatorju);
9. il-vettura piżata, li għandha tintuża biex jinkisbu r-riżultati kompleti mid-*data* individwali jekk id-*data* tkun ingābret fuq il-bażi ta' kampjuni kif jiġu.

Il-konfigurazzjonijiet suċċessivi

Meta l-vettura għat-trasport bit-triq magħżula għas-sondaġġ ikun trakk waħdu, jiġifieri mingħajr karru, matul il-perjodu tas-sondaġġ, din tkun tikkonstitwixxi fiha nfisha l-vettura tat-triq għat-trasport tal-merkanzija.

Madanakollu, meta l-vettura għat-trasport bit-triq li tintgħażel għas-sondaġġ tkun żiemel — li f'dak il-każ ikollu nofs karru meħmuż miegħu — jew meta jkun trakk li miegħu jkun meħmuż karru, id-*data* meħtieġa taħt dan ir-Regolament tkun dwar il-vettura għat-trasport tal-merkanzija tat-triq meħhuda bħala ħaġa sħiħa. F'dan il-każ, jista' jkun hemm bidla fil-konfigurazzjoni matul il-perjodu tas-sondaġġ (bi trakk li miegħu jiżdied karru jew li jibdel il-karru matul il-perjodu, jew żiemel li jibdel il-karru tiegħu). F'każ bħal dan, dawn il-konfigurazzjonijiet suċċessivi għandhom jiġu rreġistrati, u d-*data* fuq il-vettura għandha tiġi fornuta għal kull vjaġġ. Madanakollu, jekk ma jkunx possibbli li dawn il-konfigurazzjonijiet suċċessivi jiġu rreġistrati, hemm qbil li, fil-każ tal-varjabbli relatati mal-vetturi, dawk li jikkorrispondu mal-konfigurazzjoni fil-bidu tal-ewwel vjaġġ li jkun sar bit-tagħbija matul il-perjodu tas-sondaġġ jew mal-konfigurazzjoni l-aktar użata matul dak il-perjodu jiġu rreġistrati.

⁽¹⁾ Il-klassifikazzjoni tal-istatistika tal-attivitajiet ekonomiċi fl-Unjoni Ewropea

It-tibdil fit-tip tat-trasport

Bl-istess mod, skont il-vjaġġ, it-trasport jista' jsir għal rasu, għall-kiri jew għall-kumpens, u t-tip ta' trasport għandu jiġi rreġistrat għal kull vjaġġ. Madanakollu, jekk ma jkunx possibbli li jiġu rreġistrati dawn il-bidliet, hemm qbil li "t-tip ta' trasport" irreġistrat ikun dak li jikkorrispondi mal-mod prinċipali tal-utilizzazzjoni.

A2. IL-VARJABBILI LI GĦANDHOM X'JAQSMU MAL-VJAĠĠ

Matul il-perjodu tas-sondaġġ, il-vettura għat-trasport tal-merkanzija bit-triq tagħmel vjaġġi, jew bla tagħbija (ma jkun hemm ebda merkanzija jew kontenituri vojta fit-trakk, il-karru jew in-nofs karru, li jkunu għalhekk "kompletament vojta") jew bit-tagħbija (ikun hemm jew merkanzija inkella kontenituri vojta fit-trakk, il-karru jew in-nofs karru, filwaqt li l-kontenituri vojta jkunu ta' tip partikolari ta' merkanzija). Id-distanza tal-vettura tat-triq għat-trasport tal-merkanzija meta mgħobbija hija d-distanza bejn l-ewwel post tat-tagħbija u l-aħħar post tal-ħatt (fejn il-vettura għat-trasport tal-merkanzija tkun kompletament żvojtata). Vjaġġ bit-tagħbija jista' għalhekk ikopri ħafna operazzjonijiet bażiċi ta' trasport.

Il-varjabbli li għandhom jingħataw għal kull vjaġġ huma li ġejjin:

1. it-tip tal-vjaġġ skont in-nomenklatura fl-Anness III;
2. il-piż tal-merkanzija li nġarret matul il-vjaġġ jew matul kull stadju tal-vjaġġ, il-piż gross f'100 kg;
3. il-post tat-tagħbija (tal-vettura għat-trasport tal-merkanzija bit-triq, għal vjaġġ bit-tagħbija):
 - id-definizzjoni: il-post tat-tagħbija huwa l-ewwel post li minnu l-merkanzija titgħabba fuq il-vettura għat-trasport tal-merkanzija bit-triq, li qabel kienet kompletament vojta (jew fejn iż-żiemel jiġi meħmuż ma' nofs karru mgħobbi). Għal vjaġġ bla tagħbija, dan huwa l-post tal-ħatt tal-vjaġġ bit-tagħbija preċedenti (l-idea tal-"post fejn jibda l-vjaġġ bla tagħbija"),
 - il-kodifika: il-post tat-tagħbija jiġi kkodifikat skont l-Anness VII;
4. il-post tal-ħatt (tal-vettura għat-trasport tal-merkanzija bit-triq, għal vjaġġ bit-tagħbija):
 - definizzjoni: il-post tal-ħatt huwa l-aħħar post li fih il-merkanzija tinħatt minn fuq il-vettura għat-trasport tal-merkanzija bit-triq, li wara tkun kompletament vojta (jew fejn iż-żiemel ikun sgancjat minn man-nofs karru). Għal vjaġġ bla tagħbija, huwa l-post tat-tagħbija tal-vjaġġ bit-tagħbija li jkun imiss (l-idea tal-"post fejn jispiċċa l-vjaġġ bla tagħbija"),
 - kodifika: il-post tal-ħatt jiġi kkodifikat skont l-Anness VII;
5. id-distanza vvjaġġata: id-distanza attwali bl-esklużjoni tad-distanza magħmula mill-vettura għat-trasport tal-merkanzija bit-triq meta tkun qed tiġi trasportata minn mezz ieħor ta' trasport;
6. it-tunnellata — il-kilometru magħmula matul il-vjaġġ;
7. il-pajjiżi (mhux aktar minn ħamsa), li jgħaddu minnhom fit-transitu, ikkodifikati skont l-Anness VII;
8. il-post tat-tagħbija, jekk ikun hemm, tal-vettura għat-trasport tal-merkanzija bit-triq fuq mezz ieħor ta' trasport skont l-Anness VII (mhux obbligatorju);
9. il-post tal-ħatt, jekk ikun hemm, tal-vettura għat-trasport tal-merkanzija bit-triq minn mezz oħra ta' trasport skont l-Anness VII (mhux obbligatorju);
10. is-sitwazzjoni "mgħobbi totalment" (proċedura 2) jew "mhux mgħobbi totalment" (proċedura 1) tal-vettura għat-trasport tal-merkanzija bit-triq matul il-vjaġġ inkwestjoni, f'termini tal-volum massimu ta' spazju użat matul il-vjaġġ (il-proċedura 0 = skont il-konvenzjoni għal vjaġġi bla tagħbija) (mhux obbligatorju).

A3. IL-VARJABBILI LI GĦANDHOM X'JAQSMU MAL-MERKANZIJA (fl-operazzjoni bażika tat-trasport)

Matul vjaġġ bit-tagħbija, jistgħu jitwettqu bosta operazzjonijiet bażiċi tat-trasport, operazzjoni bażika tat-trasport tkun imfissra bħala trasport ta' tip wieħed ta' merkanzija (imfissra b'referenza għal livell partikolari tan-nomenklatura) bejn il-post fejn titgħabba u l-post fejn tinħatt.

Il-varjabbli li għandhom jingħataw relatati ma' operazzjoni bażika tat-trasport matul vjaġġ bit-tagħbija huma dawn li ġejjin:

1. it-tip tal-merkanzija, skont il-livell ta' diviżjoni li tirreferi għal klassifikazzjoni xierqa (ara l-Anness IV);
2. il-piż tal-merkanzija: il-piż gross f'100 kg;
3. jekk ikun meħtieġ, il-klassifikazzjoni tal-merkanzija bħala perikoluża skont il-kategorji ewlenin tad-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport fuq l-art ta' oġġetti perikolużi ⁽¹⁾ mogħtija fl-Anness V ta' dan ir-Regolament;
4. it-tip tat-tagħbija kif mogħtija fl-Anness VI (mhux obbligatorju);
5. il-post tat-tagħbija tal-merkanzija, ikkodifikat skont l-Anness VII;
6. il-post tal-ħatt tal-merkanzija, ikkodifikat skont l-Anness VII;
7. id-distanza vvjaġġata, id-distanza attwali bl-esklużjoni tad-distanza misjuqa mill-vettura għat-trasport tal-merkanzija bit-triq waqt li tkun qed tiġi trasportata minn meżżi oħra ta' trasport.

L-operazzjonijiet tat-trasport imwettqa matul vjaġġ tat-tip "dawra jew ġbir jew distribuzzjoni" (vjaġġ tat-tip 3)

Għal dan it-tip ta' vjaġġ, b'ħafna postijiet ta' tagħbija u/jew ħatt, tkun ħaġa prattikament impossibbli li wieħed jitlob lill-operaturi tat-trasport biex jiddeskrivu l-operazzjonijiet bażiċi tat-trasport.

Fil-każ ta' dawn il-vjaġġi, meta dawn jiġu identifikati bħala tali, tinħoloq ġeneralment operazzjoni tat-trasport bażika, singola u nominali fuq il-bażi tal-informazzjoni dwar il-vjaġġ.

Kull Stat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar id-definizzjoni tiegħu għal dan it-tip ta' vjaġġ u jispjega l-assunzjonijiet simplifikanti li hu jiġi obligat li japplika fil-ġbir tad-data dwar l-operazzjonijiet ta' trasport korrispondenti.

Parti 2

APPENDIĊI METODOLOĠIKA

Vjaġġi bit-tagħbija u operazzjonijiet bażiċi tat-trasport

Waqt li jiddependi mill-Istat Membru kkonċernat, l-informazzjoni dwar it-trasport tinġabar fuq il-bażi ta':

- deskrizzjoni ta' kull operazzjoni bażika ta' trasport ta' merkanzija (b'dettalji addizzjonali dwar vjaġġi bla tagħbija),
- jew deskrizzjoni tal-vjaġġi magħmula mill-vettura fit-twettiq ta' dawn l-operazzjonijiet bażiċi għat-trasport tal-merkanzija.

Fil-maġġoranza tal-każijiet, meta jsir vjaġġ bit-tagħbija dan ikun jirrappreżenta operazzjoni bażika waħda ta' trasport:

- b'tip wieħed ta' merkanzija mgħobbija (b'referenza għall-klassifikazzjoni tal-merkanzija użata, f'dan il-każ l-20 diviżjoni derivata mill-klassifikazzjoni tal-NST) ⁽²⁾,
- b'post wieħed għat-tagħbija tal-merkanzija,
- b'post wieħed għall-ħatt tal-merkanzija.

F'dan il-każ iż-żewġ metodi użati jkunu kompletament ekwivalenti, u l-informazzjoni miġbura miż-żewġ metodi tiddekrivihom it-tnejn:

- it-trasport tal-merkanzija (l-operazzjonijiet bażiċi kollha għat-trasport tal-merkanzija),
- il-vjaġġi li jsiru mill-vetturi fit-twettiq ta' dan it-trasport, bid-dettalji tal-kapaċitajiet tal-vetturi u l-utilizzazzjoni ta' dawn il-kapaċitajiet (il-vjaġġ bit-tagħbija bil-koeffiċjent tal-utilizzazzjoni; il-vjaġġ bla tagħbija).

⁽¹⁾ ĠU L 260, 30.9.2008, p. 13.

⁽²⁾ NST: In-nomenklatura uniformi tal-merkanzija għall-istatistika tal-ġarr.

Skont dan ir-Regolament, it-trasport tal-merkanzija u l-vjaġġi li jsiru mill-vetturi għandhom jiġu deskritti t-tnejn, imma mhux mixtieq li tiġi imposta fuq l-operaturi tat-trasport żieda eċċessiva fil-piż tal-istatistiki billi dawn jintalbu jiddeskrivu fid-dettall it-trasport tal-merkanzija u l-vjaġġi tal-vetturi.

Għalhekk, l-NSOs fl-Istati Membri, waqt il-kodifika tal-kwestjonarji, għandhom jikkostitwixxu mill-ġdid id-*data* li ma tkunx espliċitament meħtieġa mill-operaturi tat-trasport mid-*data* li dawn jiġbru fuq il-bażi tal-“operazzjoni bażika tal-ġarr” jew tal-“vjaġġ tal-vettura”.

Il-problema tqum meta ħafna operazzjonijiet bażiċi tat-trasport isiru matul vjaġġ wieħed bit-tagħbija, li jista' jkun minħabba:

- li jkun hemm ħafna postijiet tat-tagħbija u/jew tal-ħatt tal-merkanzija (imma jkunu limitati fil-għadd, inkella dawn ikunu dawriet ta' ġbir jew distribuzzjoni, li jkunu jeħtieġu trattament speċjali). F'dan il-każ dawn id-diversi postijiet ta' tagħbija u/jew ta' ħatt jiġu rreġistrati, sabiex jiġu kkalkulati direttament it-tunnellat-il-kilometru li jkunu saru matul il-vjaġġ, u l-uffiċċju tal-istatistika jkun jista' jikkostitwixxi mill-ġdid l-operazzjonijiet bażiċi tat-trasport;

u/jew

- jkun hemm ħafna tipi ta' merkanzija trasportati matul il-vjaġġ bit-tagħbija, fatt li ġeneralment ma jitniżżilx fl-istatistiki, peress li tip wieħed biss ta' merkanzija (singola jew prinċipali) jintalab. F'dan il-każ it-telf tal-informazzjoni jiġi aċċettat u l-Istati Membri li jwettqu dan it-tip ta' simplifikazzjoni għandhom jagħmlu referenza espliċita għalih lill-Kummissjoni.

ANNEX II

IL-KLASSIFIKAZZJONI TAL-KONFIGURAZZJONIJIET TAL-FUS

Meta tintuża kombinazzjoni ta' vetturi, il-konfigurazzjoni tal-fus tgħodd l-għadd totali ta' fusien, jiġifieri l-fusien tat-trakk jew taż-żiemel, flimkien ma' dawk tal-karru jew nofs karru.

Il-kategoriji tal-fusien huma dawn li ġejjin:

	Il-kodifika
1. L-għadd tal-fusien fil-każ ta' vetturi singoli (trakkijiet):	
2	120
3	130
4	140
oħrajn	199
2. L-għadd ta' fusien fil-każ ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi: trakk u karru:	
2+1	221
2+2	222
2+3	223
3+2	232
3+3	233
oħrajn	299
3. L-għadd ta' fusien fil-każ ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi: żiemel u nofs karru:	
2+1	321
2+2	322
2+3	323
3+2	332
3+3	333
oħrajn	399
4. Żiemel biss	499

ANNEX III

IL-KLASSIFIKAZZJONI TAT-TIPI TA' VJAĠĠI

1. Vjaġġ bit-tagħbija li jinvolti operazzjoni bażika waħda ta' ġarr.
 2. Vjaġġ bit-tagħbija li jinvolti ħafna operazzjonijiet ta' ġarr, imma li ma jkunx ikkunsidrat bħala dawra ta' ġbir jew distribuzzjoni.
 3. Vjaġġ bit-tagħbija tat-tip ta' dawra ta' ġbir jew distribuzzjoni.
 4. Vjaġġi bla tagħbija.
-

ANNEX IV

IL-KLASSIFIKAZZJONI TAL-MERKANZIJA

NST 2007

Diviżjoni	Deskrizzjoni
01	Prodotti tal-agrikoltura, tal-kaċċa u tal-forestrija; ħut u prodotti oħra tas-sajd
02	Faħam u lignite; żejt mhux raffinat u gass naturali
03	Metalli mhux maħduma u prodotti oħra tal-minjieri u tal-barrieri; pit; uranju u torju
04	Prodotti tal-ikel, xorb u tabakk
05	Tessuti u prodotti tat-tessuti; ġilda u prodotti tal-ġilda
06	Injam u prodotti tal-injam u tas-sufra (għajr għamara); oġġetti magħmulin mit-tiben u materjal tal-immaljar; polpa, karta u prodotti tal-karta; materjal stampat u materjal irrekordjat
07	Kokk u prodotti taż-żejt irraffinat
08	Kimiċi, prodotti kimiċi, u fibri magħmula mill-bniedem; gomma u prodotti tal-plastik; fjuwil nukleari
09	Prodotti oħra minerali li mhumiex metalliċi
10	Metalli bażiċi; prodotti ffabbricati mill-metall, għajr makkinarju u taġġmir
11	Makkinarju u taġġmir n.e.c.; makkinarju tal-uffiċċji u kompjuters; makkinarju u apparat elettriku n.e.c.; taġġmir u apparat tar-radju, tat-televiżjoni u tal-komunikazzjoni; strumenti mediċi, ta' preċiżjoni u ottiċi; arloġġi tal-id u arloġġi oħrajn
12	Tagħmir ta' trasport
13	Għamara; oġġetti oħra manifatturati n.e.c.
14	Materja prima sekondarja; skart muniċipali u tip ieħor ta' skart
15	Posta, pakketti postali
16	Tagħmir u materjal utilizzat għat-trasport tal-merkanzija
17	Oġġetti imressqa fil-ġarr minn djar u uffiċċji; bagalji trasportati separatament mill-passiġġieri; vetturi bil-mutur li jinġarru għat-tiswija; oġġetti oħra li ma jkunux għas-suq n.e.c.
18	Merkanzija raggrupjata: taħlita ta' tipi ta' merkanzija li huma trasportati flimkien
19	Merkanzija mhux identifikabbli: merkanzija li għal xi raġuni ma tistax tiġi identifikata u għalhekk ma tistax tiġi assenjata lill-gruppi 1-16.
20	Merkanzija oħra n.e.c.

ANNEX V

IL-KLASSIFIKAZZJONI TA' KATEGORIJI TA' MERKANZIJA PERIKOLUŻA

- 1 Splussivi
 - 2 Gassijiet, ikkumpressati, likwifikati jew imdewba taħt pressjoni
 - 3 Likwidi li jieħdu n-nar
 - 4.1 Solidi li jieħdu n-nar
 - 4.2 Sostanzi li jaqbdu weħidhom
 - 4.3 Sostanzi li, f'kuntatt mal-ilma, jarmu gassijiet li jaqbdu
 - 5.1 Sostanzi ossidanti
 - 5.2 Perossidi organiċi
 - 6.1 Sostanzi tossiċi
 - 6.2 Sostanzi li jistgħu jikkaġunaw infezzjonijiet
 - 7 Materjal radjuattiv
 - 8 Korrużivi
 - 9 Sostanzi perikolużi mixxellanji
-

ANNEX VI

IL-KLASSIFIKAZZJONI TAT-TIPI TAL-MERKANZIJA (*)

- 0 Merkanzija likwida mhux stivata (bla unità ta' taġġbija)
 - 1 Merkanzija solida mhux stivata (bla unità ta' taġġbija)
 - 2 Kontenituri kbar ta' merkanzija
 - 3 Kontenituri oħrajn ta' merkanzija
 - 4 Merkanzija li tinġarr fuq pallets
 - 5 Merkanzija qabel ma tiġi mbragata
 - 6 Unitajiet mobbli awtomoventi
 - 7 Unitajiet mobbli oħra
 - 8 (Riservat)
 - 9 Tipi oħra ta' merkanzija
-

(*) Il-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa — Kodiċi għat-tipi ta' merkanzija, pakketti u materjali tal-imballaġġ, ir-Rakkomandazzjoni 21 adottata mill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Iffaċilitar tal-Proċeduri għall-Kummerċ Internazzjonali, Ġinevra, Marzu 1986.

ANNEX VII

IL-KODIFIKA TAL-POSTIJET FEJN ISSIR T-TAGĦBIJA U L-ĦATT TAL-PAJJIŻI U R-REĠJUNI

1. Il-postijiet fejn issir it-tagħbija u l-ħatt għandhom jiġu kkodifikati kif ġej:
 - (a) analiżi reġjonali fi gruppi sal-Livell 3 tan-Nomenklatura tal-Entitajiet Territorjali għall-Istatistika (NUTS), għall-Istati Membri;
 - (b) listi ta' reġjuni amministrattivi mogħtijin mill-pajjiż terz ikkonċernat, rigward Stati li mhumiex membri iżda li huma partijiet kontraenti tal-Ftehim dwar l-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), jiġifieri l-Islanda, Liechtenstein u n-Norveġja;
 - (c) il-kodiċi 2-alpha ISO 3166, għal pajjiżi terzi oħra. L-aktar kodiċi li jintużaw ta' spiss qed jidhru fit-tabella tal-punt 2(b) ta' dan l-Anness.
2. Għall-kodifika ta' pajjiżi li jsir qsim minn ġo fihom waqt it-transitu (sezzjoni 7 ta' l-Anness I, parti A2), għandhom jintużaw dawn il-kodiċi tal-pajjiżi li ġejjin:
 - (a) il-parti 2-alpha tal-kodiċi NUTS, kif jidhru fit-tabella t'hawn taħt, għall-Istati Membri;
 - (b) il-kodiċi 2-alpha ISO 3166, għall-pajjiżi l-oħrajn kollha. L-aktar kodiċi li jintużaw ta' spiss jidhru fit-tabella ta' hawn taħt.

TABELLA TAL-KODIĊIJET TAL-PAJJIŻI

- (a) Stati membri (li jikkorrispondu għall-kodiċijiet tal-pajjiżi 2-alpha NUTS)

Pajjiż	Kodiċi
Il-Belġju	BE
Il-Bulgarija	BG
Ir-Repubblika Ċeka	CZ
Id-Danimarka	DK
Il-Ġermanja	DE
L-Estonja	EE
L-Irlanda	IE
Il-Greċja	GR
Spanja	ES
Franza	FR
L-Italja	IT
Ċipru	CY
Il-Latvja	LV
Il-Litwanja	LT
Il-Lussemburgu	LU
L-Ungerija	HU
Malta	MT
Il-Pajjiżi l-Baxxi	NL
L-Awstrija	AT
Il-Polonja	PL
Il-Portugall	PT
Ir-Rumanija	RO

Pajjiż	Kodiċi
Is-Slovenja	SI
Is-Slovakkja	SK
Il-Finlandja	FI
L-Isvezja	SE
Ir-Renju Unit	UK

Nota: pajjiżi fl-ordni uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

(b) Pajjiżi oħra (b'kodiċi 2-alpha ISO 3166)

Pajjiż	Kodiċi
Albanija	AL
Bosnija u Herzegovina	BA
Il-Bjelorussja	BY
L-Isvizzera	CH
Il-Kroazja	HR
L-Islanda	IS
Liechtenstein	LI
Ir-Repubblika ta' Moldova	MD
Montenegro	ME
Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja	MK ⁽¹⁾
In-Norveġja	NO
Il-Federazzjoni Russa	RU
Is-Serbja	RS
It-Turkija	TR
L-Ukraina	UA

Nota: pajjiżi fl-ordni tal-kodiċi.

(¹) Kodiċi provviżorju, li ma jippreġudikax bl-ebda mod l-isem definittiv ta' dan il-pajjiż, li għandu jġi miftiehem wara l-konklużjonijiet tan-negozjati li għaddejjin bħalissa fuq dan is-suġġett fin-Nazzjonijiet Uniti.

ANNEX VIII

REGOLAMENT IMĦASSAR FLIMKIEN MA' LISTA TAL-EMENDI SUĊĊESSIVI TIEGĦU

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1172/98
(ĠU L 163, 6.6.1998, p. 1)

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2691/1999
(ĠU L 326, 18.12.1999, p. 39)

Punt 10.15 tal-Anness II tal-Att tal-Adeżjoni tal-2003
(ĠU L 236, 23.9.2003, p. 561)

Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
(ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1)

L-Anness II, il-punt 27 biss

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1791/2006
(ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1)

L-Anness, il-punt 8.5 biss

Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
(ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1)

L-Artikolu 13 biss

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1304/2007
(ĠU L 290, 8.11.2007, p. 14)

L-Artikolu 2 biss

Regolament (KE) Nru 399/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
(ĠU L 126, 21.5.2009, p. 9)

ANNEX IX

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Regolament (KE) Nru 1172/98	Dan ir-Regolament
L-Artikolu 1	L-Artikolu 1
L-Artikolu 2, mill-ewwel sal-erbatax-il inċiż	L-Artikolu 2, punti (a) sa (n)
L-Artikolu 3	L-Artikolu 3
L-Artikolu 4	L-Artikolu 4
L-Artikolu 5(1), (2) u (3)	L-Artikolu 5(1), (2) u (3)
L-Artikolu 5(4)	—
L-Artikolu 5(5)	—
L-Artikolu 6	L-Artikolu 6
L-Artikolu 7(1) u (2)	L-Artikolu 7(1) u (2)
L-Artikolu 7(3)	—
L-Artikolu 8	—
—	L-Artikolu 8
L-Artikolu 10(1) u (2)	L-Artikolu 9(1) u (2)
L-Artikolu 10(3)	—
L-Artikolu 11	—
—	L-Artikolu 10
L-Artikolu 12	L-Artikolu 11
L-Annessi A sa G	L-Annessi I sa VII
—	L-Anness VIII
—	L-Anness IX